MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 64/2012

John **Caruana u Peter Caruana**

**vs**

**Kummissarju tal-Art**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie mressaq mir-rikorrenti fit-3 ta' Awwissu 2012, u li jaqra hekk:

Illi b'kuntratt ta' divizjoni pubblikat min-Nutar Dottor Antoine Agius fil-15 ta' Lulju 1989, kif sussegwentement korrett b-att tan-Nutar Carmelo Mangion tad-19 ta' Ottubru 1993, l-esponenti John u Peter, ahwa Caruana, kienu assenjati flimkien u indivizament bejniethom il-proprjeta' ta' bicca art fil-limiti ta' San Gwann, ga Birkirkara, fil-kuntrada tal-Industrial Estate ta' San Gwann, formanti parti mit-territorju ta' Ghar Knisah, u imsejha Ta' Berbri, tal-kejl ta' cirka elfejn, mitejn u tmienja u erbghin punt tnejn metri (2248.2 m.k.), soggetta ghall-piz piju ta' wiehed u sebghin centezmu u seba' millezmi tal-lira Maltija, ekwivalenti ghal ewro u

sebgha u sittin centezmu (€1.67), konfinanti mill-irjieh kollha ma’ proprjeta’ tal-Gvern, kif tidher markata fuq il-pjanta u s-siteplan markati ittra ‘E’ annessi mal-att ta’ divizjoni tal-15 ta’ Lulju 1989.

Illi permezz ta’ dikjarazzjoni tal-1 ta’ Novembru 1988, li kienet pubblikata bl-Avviz Numru 725/88, l-Agent President ta’ Malta ddikjara li din l-art kienet mehtiega ghal skop pubbliku, u li l-akkwist taghha kellu jsir b’xiri assolut.

Illi sussegwentement, l-intimat Kummissarju tal-Art ha pussess ta’ din il-porzjoni art, u ghamel uzu minnha, tant li llum hija okkupata mill-fabbrika li timmanifattura l-karta.

Illi minkejja dan, sal-lum l-intimat Kummissarju tal-Art baqa’ ma pprocediex ghall akkwist ta’ din l-art, u lanqas offra lill-esponenti l-kumpens dovut ghal dan l-akkwist.

Illi wara hafna talbiet verbali, b’ittra legali tas-16 ta’ Frar 2007, l-esponenti gibdu l-attenzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Art dwar din il-vjolazzjoni, u talbuh jiehu l-passi kollha mehtiega skont l-artikolu 9 tal-Att I tal-2006 sabiex tinhareg Dikjarazzjoni gdida fir-rigward tal-art taghhom, b’valutazzjoni skont il-ligi dwar il-kumpens dovut.

Illi b’ittra datata 26 ta’ Frar 2007, l-intimat Kummissarju tal-Art informa lill-esponenti li kien ser jitlob stima riveduta biex ‘*dan il-kaz ikun jista’ jinghata prijorita’ meta d-Dipartment ikollu l-fondi necessarji’,* u li kellu ‘*jipprocedi bil-hlas tal-kumpens malli jkollu r-rizorsi necessarji biex jaghmel dan*’.

Illi l-esponenti pprotestaw ghal din il-pozizzjoni tal-Kummissarju tal-Art b’ittra legali tas-16 ta’ Marzu 2007, u dan in vista tal-ksur car tad-drittijiet fundamentali taghhom.

Illi minkejja l-weghdiet tal-intimat, u l-protesti tal-esponenti, l-istess intimat Kummissarju tal-Art baqa' ma ghamel xejn biex jigi konkluz it-trasferiment u jithallas il-kumpens dovut.

Illi fil-frattemp, l-esponenti saru jafu li l-intimat Kummissarju tal-Art kien ipproceda bil-hlas u t-trasferiment ta' art adjacenti ghal tal-esponenti, mehuda fl-istess zmien u ghall-istess skop. Minhabba f'hekk, b'ittra ohra tad-19 ta' Novembru 2010, l-esponenti regghu interpellaw lill-intimat Kummissarju tal-Art sabiex jgharrafhom bil-kumpens li kien dispost ihallashom ghat-trasferiment ta' din l-art. Ghal din l-ittra, l-intimat Kummissarju tal-Art ma baghat ebda risposta.

Illi billi l-intimat Kummissarju tal-Art baqa' ma ghamel xejn, b'ittra ufficjali tas-7 ta' April 2011, l-esponenti regghu ghal darba ohra interpellawh jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment u ghall-hlas tal-kumpens shih dovut lilhom skont il-ligi ghall-akkwist tal-art taghhom.

Illi b'ittra ufficjali responsiva tal-31 ta' Mejju 2011, l-intimat Kummissarju tal-Art rega' ddikjara li din it-talba kienet *'qieghda tinghata l-attenzjoni li tixirqilha, u d-Dipartiment tal-Artijiet ser ikun f'pozizzjoni li jipprocedi bil-pagament tal-kumpens dovut hekk kif ikollu r-rizorsi mehtiega biex jaghmel dan'*.

Illi fil-frattemp, l-esponenti ilhom aktar minn ghoxrin sena mcahhda mill-pussess u t-tgawdija ta' din il-proprjeta' taghhom, u ma ghandhom ebda rimedju effettiv biex dan it-trasferiment jigi konkluz u jircievu l-kumpens dovut.

Illi dan l-agir tal-intimat jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 13 u 14, u bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319).

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li bl-agir tal-intimati, l-esponenti soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u bl-artikoli 13 u 14, u bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Tillikwida d-danni kollha, inkluz dawk morali, sofferti mill-esponenti b'rizultat ta' din il-vjolazzjoni;

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat u dovut in linea ta' danni;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u l-provvediment kollha li jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi sabiex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti minghajr aktar dewmien, fosthom billi:

(a) Tipprefiggi terminu qasir u perentorju li fih l-intimat Kummissarju tal-Art ghandu jipprocedi ghall-hurg ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali gdida fit-termini tal-artikolu 2(a) tal-Att I tal-2006, bil-procedura stipulata fl-artikolu 22;

(b) Tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont ta' kumpens li ghandu jkun offrut lill-esponenti fid-Dikjarazzjoni, u depozitat skont il-ligi, ghandu jkun ekwivalenti ghall-valur tal-art tal-esponenti fl-1 ta' Jannar 2005, skont l-Art. 18A tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Kummissarju tal-Art ghandu jhallas wkoll lill-esponenti imghax skont l-Art. 12(3) tal-Kap. 88.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

Jidher li f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti mhumiex qeghdin jattakkaw id-Dikjarazzjoni Presidenzjali li permezz taghha, l-art mertu ta' din il-kawza ttiehdet b'esproprju izda

qeghdin jitolbu biss hlas tal-art taghhom. Mhemmx dubju li r-rikorrenti ghandhom dritt li jressqu tali talba, izda l-esponent jidhirlu li dan mhuwiex il-forum adatt ghal talba simili. Is-sid ta' kwalunkwe art li tkun giet trasferita ghandu jagixxi billi jressaq azzjoni quddiem il-Qorti Civili fejn jitlobha tordna lill-persuna l-ohra li akkwistat il-proprjeta' (it-*transferee*) sabiex tiehu l-passi necessarji halli trodd il-hlas dovut fi zmien terminu perentorju li tistabilixxi hi. Il-fatt li l-art ittiehdet b'esproprju fil-fehma tal-esponent ma jbiddilx in-natura essenzjalment civili ta' tali talba. Huwa biss wara li tkun saret tali kawza li wiehed ikun jista' jiddeciedi jekk ghandux jipprocedi o meno quddiem din l-Onorabbli Qorti. Ghaldaqstant, l-esponent umilment jistieden lil din il-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant, stante illi r-rikorrenti kellhom rimedju iehor li setghu ezercitaw, isegwi li t-talba numru 2 u l-kumplament tat-talbiet l-ohrajn tar-rikorrent mhumiex akkoljibbli minn din il-Qorti. Fil-fatt, it-talba numru 4(b) tar-rikorrenti hija proprju dik it-talba li kien messhom ressqu quddiem Qorti civili.

Bla pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti ghandha tevita li tigi indotta sabiex tistabilixxi kemm hu l-prezz tal-art esproprjata. Din il-funzjoni hija riservata ghall-Bord li jirregola l-Kera, billi dan il-Bord huwa mwaqqaf mil-ligi appozitament ghal dan il-ghan.

Bla pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex il-kaz illi jintalbu danni morali stante illi kwalunkwe danni li soffrew ir-rikorrenti kawza tat-trapass taz-zmien setghu evitawhom billi jadixxu lill-Qorti b'mod tempestiv. Minflok, ir-rikorrenti ghazlu li jibqghu inattivi ghal tul ta' zmien u kien biss fl-2007 li huma baghtu ittra interpellatorja u bdew jagixxu b'mod proattiv kif kellhom jaghmlu.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern, bl-ispejjez kontra r-rikorrent Caruana.

Semghet il-provi u qrat l-affidavits li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta’ bicca art fil-limiti ta’ San Gwann li giet esproprjata mill-Gvern ta’ Malta fl-1 ta’ Novembru 1988, peress illi l-art kienet mehtiega ghal skop pubbliku (bini ta’ fabbriki f’zona industrijali), u l-akkwist taghha kellu jsir b’titolu ta’ xiri assolut. Ghalkemm l-art giet hekk esproprjata u l-awtoritajiet governattivi hadu pussess tal-art, ma nhareg ebda avviz ghall-ftehim u lanqas ma ntbaghtet ittra ufficjali sabiex jibda l-process ta’ trasferiment tal-art u hlas ta’ kumpens. Tul is-snin li din l-art ilha f’idejn il-Gvern, ftit li xejn sar progress, hlief li, da parti tal-intimat, saru ricerki biex jigu identifikati s-sidien. Ir-rikorrenti, da parti taghhom, iccaqalqu biss fl-2007 biex jitolbu hlas ta’ kumpens ghall-esproprjazzjoni, bl-intimat iwiegeb li kien lest jipprocedi “malli jkollu r-rizorsi necessarji biex jaghmel dan”.

Nonostante li fil-kuntest tal-art tar-rikorrenti ghadu ma sar xejn, jirrizulta li l-Gvern kien esproprja art adjacenti proprjeta’ ta’ terzi, liema art ittiehdet ghall-istess skop u fl-istess zmien. Fil-kaz ta’ dawn it-terzi, il-process ta’ esproprju gie konkluz u sar hlas ta’ kumpens b’zewg kuntratti ppubblikati f’Jannar tal-1991 u fi Frar tal-2000.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tahli wisq zmien fuq dan il-kaz. Ir-rikorrenti ilhom aktar minn 25 sena jistennew biex jiehdu dak li hu dovut lilhom, u filwaqt li terzi li kellhom art vicin u li giet esproprjata fl-istess zmien thallsu l-kumpens dovut, ir-rikorrenti ghadhom jistennew. Il-qrati taghna ripetutament affermaw il-principju li, filwaqt li l-Gvern ghandu l-poter li jesproprja proprjeta’ fl-interess pubbliku, hu ghandu obbligu li jhallas kumpens gust u xieraq ghall-proprjeta’ esproprjata, u jara li

jikkonkludi l-process ta’ trasferiment u hlas fi zmien ragjonevoli. Iz-zmien irid ikun ragjonevolment qasir biex jinzamm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tac-cittadin privat li tkun ittehditlu l-proprjeta’.

F’kazijiet ta’ din ix-xorta, ir-raguni tad-dewmien tibqa’ dejjem dik ta’ nuqqas ta’ fondi. Fis-sebghinijiet u t-tmeninijiet gew mehuda hafna proprjeta’ mill-Gvern minghajr ma jidher li kien hemm flus allokati ghalihom, bir-rizultat li hafna proprjetarji baqghu ghal zmien twil bla kumpens (u hafna hekk ghadhom) u l-procedura ghall-konkluzjoni tat-tehid u l-ghoti tal-kumpens, hadet xejra ta’ “go slow”. Il-gvernijiet tal-lum huma rinfaccjati bi pretensjonijiet ghall-kumpens ghal tehid ta’ proprjeta’ li jmur lura ghal dawk iz-zminijiet (jekk mhux anke qabel), izda mhumiex qed jallokaw fondi bizzejjed biex dawn it-talbiet jigu determinati fi zmien qasir, bir-rizultat li hafna sidien qed jirrikorru ghall-proceduri legali biex forsi jaslu li jiehdu kumpens malajr.

Jibqa’ l-fatt li cittadin ma ghandux jithalla jistenna 25 sena qabel ma l-Gvern jibda jitkellem dwar il-kumpens tal-art li tkun ittehditlu.

Fil-kawza ricenti fl-ismijiet “Vica Ltd. vs Kummissarju tal-Artijiet et”, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar 2012, dik il-Qorti ghamlet enfasi fuq il-fatt li l-Gvern ikun qed jagixxi bi ksur tad-drittijiet fundamentali ta’ sid il-proprjeta’ meta jiehu zmien twil biex jissetilja materja bhal din. Anke f’dak il-kaz, iz-zmien kien ta’ hamsa u ghoxrin sena, u dik il-Qorti qalet li dak it-tul ta’ zmien “certament li mhux zmien ragjonevoli”. Dik il-Qorti sabet li b’dan id-dewmien, l-intimat cahhad lis-socjeta’ rikorrenti mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dik il-Qorti osservat ukoll illi:

“*Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan id-dewmien jammonta ghal ksur tad-dritt ta’ proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti taht l-*

*Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex is-socjeta' rikorrenti ilha ghal dawn is-snin kollha mcahhda mill-proprjeta' taghha minghajr ma hadet kumpens u ghalhekk, "il-bilanc" bejn l-interess taghha u l-interess generali ma nzammx."*

Dan kollu jghodd ghall-kaz meritu ta' dawn il-proceduri, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ssib din il-vjolazzjoni, li ghandhom japplikaw anke ghall-kaz odjern. Hu veru li s-socjeta' rikorrenti setghet agixxiet gudizzjarjament biex il-qrati jimponu termini fuq l-intimat biex dan imexxi bil-process, pero' dan jista' se mai jinfluwixxi l-quantum tad-danni peress illi din il-Qorti tqis li l-obbligu biex jimxi tempestivament hu mixhud fuq l-intimat Kummissarju tal-Art, u jmur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi mhux biss li ghandha ggorr il-piz tal-esproprju izda wkoll li sabiex l-awtorita' pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi ffissat terminu li fih l-awtorita' pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.

Il-process jidher li ghadu stagnat peress li l-intimat Kummissarju tal-Art naqas u qed jonqos milli jipprocedi kif trid il-ligi. Fil-fatt, kif osservat din il-Qorti fil-kaz "Frendo Randon v. Kummissarju tal-Artijiet", deciza fl-4 ta' Frar, 2000 (ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 2009):

"*... ... jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre, jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru*

*kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

Ghal dan id-dewmien ghandu jwiegeb ghad-danni l-istess Kummissarju tal-Art.

F'dan il-kaz, jirrizulta wkoll li l-Gvern mexa b'mod differenti ma' terzi li kienu fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti. Dawn it-terzi ttehditilhom art fl-istess inhawi u fl-istess zmien, tant li anke n-numru tal-files huma relatati ma' xulxin. Il-kaz ta' dawn it-terzi gie konkluz f'temp ta' hdax, tnax-il sena (li diga' huwa eccessiv), izda r-rikorrenti ghadhom, wara 25 sena, jistennew "closeur". L-intimat ma offra ebda spjegazzjoni plawsibbli ghal din id-diskriminazzjoni , u din il-Qorti tikkonkludi li anke taht dan l-aspett sehh ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Ghad-diversi nuqqasijiet, din il-Qorti tara li ghandha tillikwida danni morali kif ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet ta' "Vica Ltd" u "Frendo Randon" imsemmija fil-kors ta' din is-sentenza. Is-socjeta' rikorrenti talbet ukoll danni reali. Hu fatt li, fil-verita' hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih is-socjeta' rikorrenti tista' tkun intitolata, dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn loss of use. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. Dan ghaliex, kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija", deciza fit-2 ta' Novembru, 2001:

"*Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appoziti b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku."*

Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, din il-Qorti se tiehu qies ukoll dak li osservat din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon", imsemmija aktar qabel, fis-sens li gej:

*"62. inoltre, hemm konsiderazzjoni ohra pertinenti ghall-kaz in dizamina. Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "***Paul Fenech vs Kummissarju ta' l-Artijiet***", deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih, il-Kumissarju tal-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura tal-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom."*

Is-socjeta' rikorrenti f'dan il-kaz, qatt ma utilizzaw ir-rimedju ordinarju, izda ressqu din il-kawza biss hafna snin wara li harget l-ewwel dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni. Minhabba f'hekk, ghandu jkun hemm temperament fid-danni morali ffissati bhala kumpens.

Ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jkun offrut lilhom ghat-tehid tal-art, pero', tali ordni ma tidholx fil-mansjoni ta' din il-Qorti, almenu f'dan l-istadju meta l-process ta' determinazzjoni ta' kumpens ghadu lanqas biss beda u meta se mai, l-offerta' tal-intimat tista' tigi kkontestata quddiem il-Bord kompetenti. Il-Qorti, pero', sejra tiffissa terminu perentorju ta' xahar mil-lum li fih l-intimat ghandu jibda l-proceduri mahsuba mil-ligi ghad-determinazzjoni tal-kumpens.

Wara li kkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta' din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-estensjoni tal-artijiet in kwistjoni u t-tul ta' zmien tal-

lezjonijiet imsemmija b'referenza ghall-artijiet rispettivi, u d-dewmien da parti tar-rikorrenti li jmexxu gudizzjarjament, il-Qorti, hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom jinghatalhom kumpens ghal danni morali ta' €25,000 maqsuma nofs kull wiehed bejn iz-zewg rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi tilqa' l-ewwel tliet talbiet kif dedotti, b'dan li ghall-fini tat-tieni talba qed tillikwida s-somma ta' €25,000 bhala danni morali b'riserva lir-rikorrenti li, si et quatenus, jitolbu danni reali fil-forum opportun; tilqa' t-talba 4(a) u tipprefiggi terminu perentorju ta' xahar mil-lum li fih l-intimat ghandu jipprocedi skont il-ligi ghad-determinazzjoni tal-kaz, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet 4(b) u (c) peress li mhumiex materja li din il-Qorti ghandha, f'dan l-istadju, tidhol biex tiddeciedi.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat Kummissarju tal-Art.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------